# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'April, 2017.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 2/2013 SM**

**Seaview Construction Limited**
**(C – 10715)**

**vs.**

**1. Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**2. L-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta**

**3. L-Avukat Generali**

**u**

**4. Skont il-verbal tat-30 t'April, 2014, giet kjamata**
**in kawza *Malta Industrial Parks Limited***
**(C – 28965)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat id-9 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu tramite r-rapprezentant taghha, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi hi proprjetarja ta' zewg (2) porzjonijiet art fi Triq in-Naggar kantuniera ma' Triq Arthur Borton, il-Mosta, ta' kejl komplessiv ta' disa' mija u hames, (905) metri kwadri;

1.2. Illi l-istess art ittiehdet mill-Gvern snin ilu u ghadda toroq minnha;

1.3. Illi sal-lum ghad ma gietx kumpensata ghal dan it-tehid ta' art;

1.4. Illi di piu`, lanqas ma saru proceduri ghall-espropriazzjoni;

1.5. Illi b'ittra ufficjali datata t-12 ta' Lulju, 2011, interpellat lill-intimat biex jintraprendu l-proceduri xierqa ghall-espropriju izda baqghu inadempjenti;

1.6. Illi konsegwenza tal-istess l-intimati interferew fid-dritt tas-socjeta` rikorrenti ta' tgawdija tal-proprjeta` taghha u illedew id-drittijiet ta' proprjeta` taghha kif sanciti fl-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-artiklu 6 u 13 tal-istess Konvenzjoni *stante* li s-socjeta` rikorrenti m'inghatatx dritt ghal smigh xieraq u lanqas m'inghatat rimedju effettiv biex tkun kumpensata ghal dan it-tehid *stante* li l-process t'esproprju ghadu lanqas biss imbeda;

1.7. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet premessi l-intimati ivvjolaw u ghadhom jivvjolaw id-drittijiet fundamentali taghha kif sanciti fl-artiklu 1 tal-Protokoll 1, u fl-artiklu 6 u l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet fundamentali;

1.7.2. Taghti rimedju xieraq u effettiv kif ukoll gust lis-socjeta` rikorrenti rizultat tal-istess

lezjoni, liema rimedju ghandu jikkomprendi, izda mhux limitat, ghall-kundanna tal-intimati biex fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss, jaghmlu dak li hemm bzonn biex jimbeda l-process tal-esproprju u hlas tal-kumpens relattiv lill-istess socjeta` rikorrenti, b'dan illi kwalsiasi att legislattiv li sar bejn meta ittiehed il-pussess fiziku tal-proprjeta` sa dakinhar tal-kumpens relattiv m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-istess socjeta` rikorrenti, u biex ihallsu kumpens xieraq u opportun biex jaghmlu tajjeb ghall-istess lezjoni;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 3);

3.0. Rat ir-risposta datata t-23 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

3.1. Illi preliminarjament a tenur tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur tal-azzjoni odjerna *stante* li m'ghandux il-mansjoni li jiehu pussess ta' artijiet, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hi intempestiva fil-konfront tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet *stante* li ma ha l-ebda decizjoni fejn kellhom isiru t-toroq;

3.3. Illi preliminarjament is-socjeta` rikorrenti naqset tezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli u ghalhekk il-qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha;

3.4. Illi preliminarjament ukoll is-socjeta` rikorrenti trid iggib il-prova tat-titolu taghha fuq l-art in dizamina;

3.5. Illi fir-rigward tal-mertu, sintetikament jirrispondu bil-mod segwenti:

3.5.1. Illi ma kisru l-ebda dritt fundamentali tas-socjeta` rikorrenti;

3.5.2. Illi s-socjeta` rikorrenti trid iggib prova tal-fatti minnha esposti u tispjega kif sehhet l-allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;

3.5.3. Illi jekk ittiehdet l-art *de quo* biex isir progett ta' toroq, l-istess tehid sar unikament ghal skop pubbliku u fl-interess publiku;

3.5.4. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li qatt ma hadu pussess ta' ebda art;

3.5.5. Illi l-Kummissarju intimat mhux l-awtorita` kompetenti biex jiddetermina fejn ghandhom isiru progetti pubblici u minn fejn ghandhom jghaddu t-toroq godda;

3.5.6. Illi hi l-ligi tal-esproprijazzjoni, il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi ghall-pagament ta' kumpens xieraq;

3.5.7. Illi kemm- il darba jirrizulta xi ksur ta' drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti, allura semplici dikjarazzjoni ta' ksur hi minnha nfisha ta' sodisfazzjon sufficjenti ghall-istess ksur ta' drittijiet;

3.6. Illi ghalhekk, ghandha tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta datata l-24 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

4.1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna mhix proponibbli *stante* li s-socjeta` rikorrenti kellha rimedji ohra u allura din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fir-rigward;

4.2. Illi preliminarjament l-Awtorita` intimata mhix il-legittimu kontradittur *stante* li m'ghandha l-ebda awtorita` tesproprja l-art u li taghti xi kumpens jew rimedju fir-rigward;

4.3. Illi preliminarjament is-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova l-interess guridiku f'din il-procedura *stante* li ma gabet l-ebda prova rigward it-titolu minnha allegat;

4.4. Illi preliminarjament ukoll ir-rikors promotur hu wiehed vag fejn is-socjeta` rikorrenti naqset titfa' dawl fuq:

4.4.1. Il-qisien u l-posizzjoni tal-art *de quo*;

4.4.2. Min kienet l-entita` governattiva li ordnat ix-xoghol fuq it-toroq in dizamina;

4.4.3. Meta saru x-xogholijiet *de quo*;

4.5. Illi fir-rigward tal-mertu, sintetikament tirrispondi bil-mod segwenti:

4.5.1. Illi jrid jigi pprovat li x-xogholijiet saru fuq l-art in dizamina u mill-Awtorita` intimata;

4.5.2. Illi jekk ittiehdet xi art, din ittiehdet fl-interess pubbliku u ghal skop pubbliku;

4.5.3. Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub mis-socjeta` rikorrenti l-qorti ghandha tordna li jittiehdu passi biex l-art *de quo* tigi esproprijata skont il-ligi;

4.5.4. Illi dikjarazzjoni li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha sservi ta' sodisfazzjon gust sufficjenti;

4.5.5. Illi t-talba biex din il-qorti tistabbilixxi kumpens ghat-tehid tal-art *de quo* tezorbita mill-gurisdizzjoni u l-kompetenza ta' din il-qorti;

4.6. Illi ghalhekk ghandha tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez;

4.7. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat it-30 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali, li ghaliha l-partijiet l-ohra irremettew ruhhom, awtorizzat il-kjamata in kawza tas-socjeta` *Malta Industrial Parks Limited*, (ara foll 109),

6.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza indikata fil-paragrafu precedenti li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti (ara foll 126):

6.1. Illi preliminarjament mhix il-legittimu kontradittur *stante* li ma haditx decizjonijiet tat-tip li minnhom qed tilmenta s-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6.2. Illi ma kellha l-ebda sehem fl-agir lamentat mill-istess socjeta` rikorrenti, u l-uniku involviment li kellha kien li saret responsabbli ghal bicca art fi Triq iz-Znuber kantuniera ma' Triq in-Naggar, il-Mosta;

6.3. Illi meta gew iffurmati t-toroq in dizamina s-socjeta` kjamata in kawza ma kellha l-ebda interess fir-rigward;

6.4. Illi s-socjeta` rikorrenti m'ezawrietx ir-rimedji ordinarji a portata taghha;

6.5. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ghandha tipprova t-titolu minnha vantat;

6.6. Salv risposti ulterjuri;

6.7. Bl-ispejjez;

7. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 181);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza datata l-14 t'Ottubru, 2016, (ara foll 186), flimkien man-nota tal-

intimati Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali, u ma dik tal-Awtorita` intimata, li t-tnejn igibu l-istess data hawn indikata, (ara foll 188 u 195);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-18 t'Ottubru, 2016, (ara foll 203);

10. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jiddikjaraw li qed jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 211);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-azzjoni odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li hi proprjetarja ta' zewg (2) porzjonijiet art fi Triq in-Naggar, kantuniera ma' Triq Sir Anthony Borton, il-Mosta, ta' kejl superficjali komplessiv ta' madwar 905 metri kwadri, (ara foll 79 u 176);

13.2. Illi in sostenn tal-istess is-socjeta` rikorrenti ipprezentat kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat il-31 ta' Jannar, 1994, (ara foll 32), bil-pjanta annessa mieghu ipprezentata aktar tard fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 176);

13.3. Illi l-porzjonijiet art meritu tal-procedura huma dawk indikati fil-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti a foll 35 u dawk indikati bil-kulur ahdar fil-pjanta annessa mieghu izda tidher a foll 176 tal-process;

13.4. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li l-porzjonijiet art in dizamina ittiehdu fizikament mill-intimati jew min minnhom biex jigu iffurmati toroq kif jidher a foll 149 u 152;

13.5. Illi *di piu`*, l-istess socjeta` rikorrenti tallega li l-istess porzjonijiet art ittiehdu minn taht il-kontroll taghha;

13.5.1. Minghajr ma saret espropriazzjoni skont il-ligi; u

13.5.2. Minghajr ma gie lilha offrut l-ebda kumpens xieraq u adegwat mill-intimati;

13.6. Illi l-porzjonijiet art involuti servew biex bl-involviment tal-Awtorita` intimata, jinfethu Triq in-Naggar u Triq Arthur Borton, il-Mosta, (ara foll 79);

13.7. Illi sal-lum la l-espropriazzjoni u lanqas il-kumpens ghadhom ma gew effettwati;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi epurata l-fazi tal-elenkar tal-fatti essenzjali tal-procedura odjerna ghandha issa tigi epurata l-fazi naxxenti mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, li jistghu jigu sintetikament komplessivament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. **A. Il-Legittimu Kontradittur:**

14.1.1. *Malta Industrial Parks Limited* (ara paragrafu numru hmistax, (15.) *et sequitur*);

14.1.2. Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, (ara paragrafu numru ghoxrin (20.) *et sequitur*);

14.1.3. L-Avukat Generali, (ara paragrafu numru erba' u ghoxrin, (24.) *et sequitur*);

14.2. **B. L-Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji** (ara paragrafu numru wiehed u tletin *et sequitur*);

14.3. **C. L-Interess Guridiku** (ara paragrafu numru disgha u tletin, (39.) *et sequitur*)

14.4. **D. Il-Kjarezza tal-Kejl u Posizzjoni tal-Art** (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), *et sequitur*;

14.5. **E. L-intempestivita` tal-Azzjoni** (ara paragrafu numru tmienja u erbghin, (48.) *et sequitur*;

Ikkunsidrat:

**A. Il-Legittimu Kontradittur:**

i. ***Malta Industrial Parks Limited***:

15. Illi din is-socjeta` giet kjamata in kawza wara talba appozita fir-rigward, (ara foll 109);

16. Illi din is-socjeta` kjamata in kawza mill-ewwel issollevat din l-eccezzjoni preliminari, (ara foll 126);

17.0. Illi r-ragunijiet in sostenn ta' din ir-risposta huma sintetikament is-segwenti, (ara foll 126);

17.1. Illi qatt ma hadet decizjonijiet tat-tip li dwarhom qed tilmenta s-socjeta` rikorrenti;

17.2. Illi ma kienitx ir-responsabbilita` taghha li tiddetermina fejn kellhom jigu t-toroq in dizamina;

17.3. Illi m'ghandha l-ebda setgha li tisproprja l-art;

17.4. Illi art meritu tal-kawza m'ghandha x'taqsam xejn maz-zona fejn tinsab l-art mertu tal-kawza in kwistjoni, (ara foll 154 u pjantu a foll 158 fejn l-art meritu tal-kawza hi indikata bil-kulur ahdar fuq il-pjanta immarkata Dok. 'B' a foll 158, filwaqt li l-art amministrata mis-socjeta` kjamata in kawza hi hemm immarkata bil-kulur ahmar);

18. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li l-artijiet in dizamina huma distinti minn xulxin;

19. Illi in vista tal-istess, ir-risposta preliminari tas-socjeta` kjamata in kawza li hi mhix il-legittimu kontradittur, u li ghalhekk

ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

ii. **Awtorita` ghat-Trasport f'Malta:**

20. Illi l-Awtorita` intimata wkoll issollevat din l-istess eccezzjoni preliminari, (ara foll 10), *stante* li x-xogholijiet saru fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u Kompetittivita` u mhux fuq inizjattiva taghha jew tal-Ministeru tat-Trasport;

21. Illi in effetti l-porzjonijiet art in dizamina ittiehdu biex jigu fformati t-toroq fuq gia` riferiti, (ara foll 78 u 79 u paragrafu numru tlettax punt sitta, (13.6.), aktar qabel);

22. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li l-kawza odjerna giet indirizzata sewwa meta giet indirizzata ukoll fil-konfront tal-Awtorita` intimata;

23. Illi konsegwentement ir-risposta preliminari tal-Awtorita` intimata li hi mhix il-legittimu kontradittur ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

iii. **L-Avukat Generali:**

24. Illi l-imsemmi intimat jissolleva din l-eccezzjoni preliminari tieghu *ad liminem*, (ara foll 4);

25. Illi in effetti jsosstni din il-posizzjoni *a tenur* ta' dak stabbilit fl-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament jistabbilixxi li hu ma kellux jigi mharrek f'din il-procedura;

26. Illi f'din il-procedura kellu biss jigi mharrek il-kap tad-dipartiment ikkoncernat – kif fil-fatt sar;

27. Illi l-intimat in dizamina jista' jkun hekk involut biss meta minhabba n-natura tat-talba l-azzjonijiet gudizzjarji ma jkunux jistghu jigu diretti kontra kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern;

28. Illi *di piu`*, fl-azzjoni odjerna mhix qed tigi attakkata l-validita` *o meno* tal-ligi tal-esproprijazzjoni;

29. Illi lanqas qed tigi mitluba dikjarazzjoni li xi ligi fir-rigward tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni;

30. Illi konsegwentement ir-risposta preliminari tal-intimat odjern li hu mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ghandha tigi akkolta u konsegwentement, l-istess intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

**B. L-Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji:**

31. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-linja gurisprudenzjali lokali inbidlet ricentement b'rizultat tal-izvilupp fir-rigward riskontrat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali;

32. Illi precedentement ghal dan l-izvilupp il-gurisprudenza lokali kienet issosstni li r-rimedju ta' natura kostituzzjonali hu wiehed straordinarju u ghandu jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares id-drittijiet fundamentali sottolineati quddiemha;

33. Illi wara s-sentenza tal-***Qorti Ewropeja*** fuq indikata fl-ismijiet ***Brincat et vs. Malta***, datata l-***24 ta' Lulju, 2014***, il-posizzjoni gurisprudenzjonali lokali inbidlet;

34. Illi fis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti il-qorti fuq indikata irrespingiet l-oggezzjoni tal-Gvern li f'dik il-kawza ma kienux gew ezawriti r-rimedji ordinarji;

35. Illi l-istess qorti hemm osservat li bl-intavolar ta' procedura wahda, (dik kostituzzjonali), minflok tnejn, (dawk ordinarji u dawk kostituzzjonali flimkien), jigi effettivament servut il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju, *stante* li biex jinghata *"the full range of redress"* il-parti koncernata xorta kienet ser tipprocedi anke kostituzzjonalment;

36. Illi ghalhekk tali insenjament beda jigi wkoll ezegwit lokalment;

37. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***George Spiteri et vs. Policy Manager tal-Malta Shipyards***, datata s-***27 ta' Marzu, 2015***, fejn din il-qorti irriteniet is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' ***Brincat and Others vs. Malta*** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghet taghhom kif previst fl-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

38. Illi in vista tal-premess, din l-eccezzjoni preliminari, sollevata kemm mill-intimati Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali, (ara foll 5), kemm mill-Awtorita` intimata, (ara foll 10), ghandha tigi respinta;

**C. L-Interess Guridiku:**

39. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sollevata kemm mill-Awtorita` intimata, (ara foll 10), u mill-Kummissarju intimat, (ara foll 5);

40. Illi *di piu`*, l-istess Awtorita` tirrikjedi li s-socjeta` rikorrenti hi fid-dover li tipprova t-titolu minnha vantat fuq il-porzjonijiet art in dizamina *stante* li ma gabet l-ebda dokument li juri t-titolu minnha allegat, (ara foll 10);

41. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Victor Gatt et vs. Avukat Generali et***, datata l-***5 ta' Lulju, 2011***, fejn, wara li kkonfermat dak li qalet l-ewwel qorti sosstniet is-segwenti:

> "Din il-qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda *rei vindicatoria*, u kwindi mhux mehtiega il-prova diabolika ta' titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-ezitu ta' din il-kawza";

42. Illi f’dan ir-rigward jirrizulta assodat is-segwenti:

42.1. Illi permezz tal-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat il-31 ta’ Jannar, 1994, is-socjeta` rikorrenti tirrizulta li hi proprjetarja tal-porzjonijiet art in kwistjoni, (ara foll 32 u pjanta a foll 176);

42.2. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-***Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali***) fil-kawza fl-ismijiet ***Igino Trapani Galea Feriol proprio et nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et***, datata t-***18 t’Ottubru, 2013***, fejn intqal is-segwenti:

> “... jinkombi (fuq) il-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu. Inoltre jigi osservat li l-ligi, (Kap 88), ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f’kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuni inkapaci, l-artiklu 10 jiddisponi li l-procedimenti taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili”

43.0. Illi konsegwentement, anke din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` intimata u mill-Kummissarju tal-Artijiet ghandha wkoll tigi respinta, *stante* li din il-qorti hi sodisfatt li:

43.1. Is-socjeta` rikorrenti ipprovat it-titolu taghha fir-rigward; u

43.2. Konsegwentement assodat l-interess guridiku taghha li tippromwovi l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

**D. Il-Kjarezza tal-Kejl u Posizzjoni tal-Art:**

44. Illi f'dan ir-rigward jinghad li s-socjeta` rikorrenti intavolat il-kuntratt ta' kompra-vendita in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat il-31 ta' Jannar, 1994, flimkien mal-pjanta mieghu annessa pprezentata tardivament, (ara foll 32 u 176);

45. Illi minn ezami tal-istess il-porzjonijiet art rikjamati mis-socjeta` rikorrenti jirrizultaw identifikati bi precizjoni;

46. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat bi kjarezza:

46.1. Kemm il-kejl tal-porzjonijiet art in dizamina;

46.2. Kemm il-posizzjoni tal-porzjonijiet in dizamina;

47. Illi konsegwentement, anke din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**E. L-Intempestivita` tal-Azzjoni:**

48. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sollevata specifikament mill-Kummissarju intimat li jallega li ma ha l-ebda decizjoni fir-rigward ta' fejn kellhom isiru t-toroq in dizamina u lanqas ezegwixxa x-xogholijiet fir-rigward;

49. Illi ghandu jkun pacifiku f'dan ir-rigward li *ai termini* tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta l-awtorita` kompetenti fl-akkwist t'artijiet ghal skopijiet pubblici u ghall-hlas tal-kumpens relattiv m'hu hadd hlief il-Kummissarju intimat;

50. Illi ghalhekk, anke din l-eccezzjoni preliminari minnhu sollevata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

51. Illi superati l-vertenzi ta’ natura preliminari fuq sollevati ghandu issa jigi indirizzat u trattat il-mertu tal-vertenza in dizamina;

52.0. Illi l-mertu in dizamina jirrigwarda s-segwenti:

52.1. A. **It-Tgawdija Pacifika tal-Proprjeta`** (ara paragrafu numru tlieta u hamsin, (53), *et sequitur*);

52.2. B. **Smigh Xieraq**, (ara paragrafu numru tnejn u sebghin, (72), et sequitur);

52.3. C. **Rimedju Effettiv**, (ara paragrafu hamsa u sebghin, (75), *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

**A. It-Tgawdija Pacifika tal-Proprjeta`:**

53. Illi permezz ta’ din il-procedura s-socjeta` rikorrenti qed tallega li inkiser id-dritt taghha protett bl-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja, senjatament id-dritt li jipprotegi lill-persuna, jew socjeta`, mit-tehid ta’ possedimenti minghajr kumpens xieraq;

54.0. Illi f’dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti ssosstni sintetikament is-segwenti:

54.1. Illi l-art ittiehdet minghajr ma giet esproprijata skont il-ligi;

54.2. Illi sal-lum, l-istess intimati ghadhom ma taw l-ebda kumpens ghall-istess lis-socjeta` rikorrenti;

55. Illi in effetti kien l-istess Kummissarju tal-Artijiet li fix-xhieda tieghu hu stess isosstni li l-esproprju in kwistjoni ghadu ma sarx, (ara foll 149);

56. Illi konsegwenza ta’ dan in-nuqqas ta’ esproprju skont il-ligi tramite d-dikjarazzjoni appozita ippubblikata fil-Gazzetta tal-

Gvern, allura l-offerta ghall-kumpens m'inghatax lis-socjeta` rikorrenti ghaliex minhabba f'hekk lanqas biss ma setghet tinhareg;

57. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament tal-***Prim'Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Inez Calleja et vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** datata l-***5 ta' Mejju, 2009***, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Ghalkemm taht dawn id-disposizzjonijiet il-proprjeta` mhix assoluta ghax l-awtorita` pubblika ghandha s-setgha li tohodha, dan jista' jsir biss bis-sahha ta' ligi u bil-harsien tal-kundizzjonijiet kollha hemm imsemmija; jekk it-tehid tal-proprjeta` ma jsirx, qabel kull haga ohra, bis-sahha ta' ligi, u kif trid il-ligi, mela jsir bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.
>
> "L-artiklu 12 tal-Kap 88 jaghti lill-awtorita` pubblika s-setgha li tidhol fuq art privata u taghmel dak kollu li jista' jaghmel sid, jekk dwar dik l-art tkun giet pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President li l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku:
>
> "12(1) Fi zmien erbatax- il gurnata mill-gurnata tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, mehtiega taht l-artiklu 9(1), ta' dikjarazzjoni maghmula taht l-artiklu 3, is-sid tal-art, jew min jokkupha, jekk ikun hemm, ghandhom jaghtu f'idejn l-awtorita` kompetenti l-pussess taghha:
>
> (2) "Wara li jghaddi z-zmien imsemmi fis-subartiklu (1) l-awtorita` kompetenti tista' minghajr ebda formalita` ohra tidhol f'din l-art u tiehu pussess taghha jew tawtorizza lil xi hadd biex jidhol f'din l-art u jiehu pussess taghha u, minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm fuq din l-art b'kull ligi ohra jew b'kull dokument jew xort'ohra, taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra tkun li tkun xi hadd ikollu interess illimitat f'din l-art ikollu jedd li jaghmel bis- sahha ta' dak l-interess salv l-obbligu ta' xi awtorita` kompetenti li terga tqieghed kif kienet l-art jew thallas

kumpens ghal kull dannu maghmul jekk fil-kazijiet permessi f'din l-Ordinanza l-akkwist ma jkunx tkompla";

"A *contrario sensu*, fejn ma tkunx saret dik id-dikjarazzjoni, l-awtorita` pubblika ma ghandha ebda setgha li tiehu l-art f'idejha u, jekk taghmel hekk, tkun qeghda ccahhad lil sid l-art mit-tgawdija taghha bi ksur tal-ligi";

58. Illi jirrizulta li l-porzjon artijiet in dizamina ittiehdu mill-Gvern fl-2004 u ghadda t-toroq fuq indikati minnhom, (ara foll 75);

59. Illi jirrizulta pacifiku li sal-lum – tlettax- (13) il sena wara – il-process indikat fil-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferit ghadu ma sarx;

60. Illi hu pacifiku li f'materja ta' esproprijazzjoni l-process tat-tehid, dikjarazzjoni, u kumpens, fuq riferit ghandu jigi terminat fi zmien ragonevoli u minghajr dilungar inutili;

61. Illi fir-rigward tal-art *de quo*, il-Gvern ha il-kontroll tal-art inkwistjoni u kkonvertiha f'toroq pubblici fuq riferiti;

62. Illi ghalkemm jirrizulta li effettivament l-art hekk meduda giet uzata ghal skop pubbliku pero` jirrizulta wkoll li la saret id-debita dikjarazzjoni Presidenzjali u lanqas gie effettwat il-pagament ta' kumpless gust u adeqwat;

63.0 Illi ghalhekk jirrizulta s-segwenti:

63.1. Illi l-porzjonijiet art ittiehdu mill-Gvern;

63.2. Illi fuq il-porzjonijiet *de quo* inbnew it-toroq fuq riferiti;

63.3. Illi s-socjeta` rikorrenti, sid l-istess proprjeta`, baqghet minghajr il-kumpens dovut;

64. Illi l-fuq imsemi Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta effettivament jaghti d-dritt lill-Gvern li jiehu b'mod obbligatorju, proprjeta` privata minghad sidha jew minghand min jippossjediha;

65. Illi tenut kont li b'esproprju l-propjeta` esproprijata tghaddi ghand il-Gvern b'mod permanenti minghajr ma jkun hemm il-

possibilita` li terga tirritorna lura lis-sid jew lill-possessur f'din il-kawza din l-impossibilita` li l-art *de quo* terga tirreverti ghand is-sid jew ghand il-possessur ikkonkretizzat ruhha mill-fatt li l-istess Gvern ghadda t-toroq li ried jghaddi mill-istess;

66. Illi rizultat tal-istess allura l-fond de quo ittiehed b'mod permanenti;

67. Illi fil-kawza ***Galea Feriol proprio et nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et***, (ara paragrafu numru tnejn u erbghin punt tnejn, (42.2.), aktar qabel), gie ritenut is-segwenti:

> "L-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol anness mall-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, irid li meta l-Gvern jiehu proprjeta` tal-privat ghal skop pubbliku, irid jara li jinholoq bilanc bejn l-interessi generali tal-istat u l-interessi tal-privat, u dan, billi lill-privat jithallas kumpens xieraq u adegwat";

68.0. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Hutten-Czapska vs. Polonja*** datata z-***19 ta' Gunju, 2006***, ***il-Qorti ta' Strasburgu*** emfasizzat it-tliet (3) rekwiziti li ghandhom ikunu prezenti biex tigi kkunsidrata legalment ammissibbli l-ingerenza tal-Istat fid-dritt tal-proprjeta` kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropeja, senjatament:

68.1. Illi l-mizura li jiehu l-Istat fir-rigward trid issir f'qafas legali;

68.2. Illi l-iskop tal-mizura mehuda mill-Istat irid ikun wiehed legittimu; u

68.3. Illi l-mizura adottata mill-Istat trid izzomm bilanc gust u proporzjonali bejn l-iskop socjali vantat mill-Istat u n-necessita` imprexindibbli li jigu wkoll fl-istess hin rispettati minghajr riservi d-drittijiet fundamentali tas-sid;

69. Illi kif irriteniet il-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. David Tonna et vs. Kummissarju tal-Artijiet***, deciza fit-***3 ta' Marzu, 2011***:

> "Il-fatt li ma jithallasx kumpens meta ttiehdet proprjeta` hu fattur determinanti ghall-qorti meta tigi biex

tiddeciedi jekk inzammx bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali";

70. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li ghakemm l-artiklu konvenzjonali ma jipprovdix espressament ghall-ghoti ta' kumpens, il-fatt li wara li tittiehed proprjeta` mill-Gvern dan il-kontropass jigi sorvolat u ma jithallas l-ebda kumpens, dan minnu nnifsu hu ghalhekk fattur determinanti ghall-qorti meta tigi biex tiddeciedi jekk inzammx dak il-bilanc bejn l-interess privat u l-interess pubbliku kif rikjest mill-istess artiklu in dizamina;

71. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti kien hemm ghalhekk vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha kif sancit fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja in dizamina;

Ikkunsidrat:

**B. Smigh Xieraq**

72. Illi permezz ta' din il-procedura s-socjeta` rikorrenti qed tallega li inkiser id-dritt taghha protett mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja senjatament, id-dritt ghal smigh imparzjali u pubbliku, fi zmien ragonevoli, u minn tribunal indipendenti u imparzjali;

73. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Vica Limited vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** datata t-***3 ta' Frar, 2012***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** ssosstni s-segwenti:

"Ghall-finijiet ta' dan l-artiklu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu 'zmien ragonevoli' id-data li minnha jibda jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kaz fuq citat ***John Curmi nomine vs. Il-Kummisarju tal-Artijiet et*** fil-fatt irriteniet li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli. "*Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni inkwantu jammonta ghall-*

*privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti*";

"Naraw ukoll kif fil-kaz ***Golder vs. U.K.*** il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-"zmien ragonevoli" jista' jibda jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga inbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew. "*While the right to be a fair, public and expeditions judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded*". Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem qorti jew tribunal, "*It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute*";

74. Illi tenut kont tal-fatt illi wara tlettax- (13) il sena mit-tehid tal-art in kwistjoni ghadhom lanqas biss inbdew il-proceduri tal-esproprijazzjoni *ai termini* tal-Kap 88 fuq indikat, allura din il-qorti hi sodisfatta li anke taht dan il-kap jirrizulta li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kif sancit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

**C. Rimedju Effettiv:**

75. Illi *ai termini* tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni *de quo* s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob li ghaliex gew lilha lezi d-drittijiet u libertajiet fundamentali taghha taht l-istess Konvenzjoni allura hu necessarjament rikjest li jinghatalha rimedju effettiv fir-rigward;

76. Illi ssir hawn referenza, ghas-sentenza fl-ismijiet ***Olaf Cini vs. l-Avukat Generali tar-Repubbblika et***, datata l-***25 ta' Settembru, 2003***, fejn il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** qalet is-segwenti:

> "Illi l-imsemmi artiklu jaghraf zewg elementi: dak tar-rimedju effettiv u dak li r-rimedju jista' jittiehed minn awtorita` nazzjonali minn kull min imqar jippretendi li xi jedd fundamentali tieghu safa` mkasbar jew imnaqqas. Mela biex qorti tqis talba dwar ksur tal-artiklu 13, m'huwiex mehtieg li l-persuna turi li fil-fatt garrbet ksur ta' jedd konvenzjonali iehor, izda bizzejjed li tallega tali ksur. Daqstant iehor, huwa stabilit li l-ghan ta' azzjoni msejsa fuq l-artiklu 13 m'huwiex dak li jiggarantixxi li l-awtorita` nazzjonali li taghti r-rimedju effettiv tasal biex tiddeciedi sewwa skont il-Konvenzjoni, imma dak li jaccerta jekk l-allegat nuqqas ta' rimedju effettiv iwassalx ghal ksur tal-Konvenzjoni. B'dan il-mod, l-artiklu 13 m'huwiex mahsub li jaghti garanzija kontra kull illegalita` f'ordinament guridiku nazzjonali partikolari, imma li jqis biss illegalitajiet marbutin ma' jeddijiet imhaddna fil-Konvenzjoni u li dwarhom jitressaq "*an arguable claim*";
>
> Illi nghad ukoll li l-artiklu 13 ma jillimitax ir-rimedju effettiv biss ghal wiehed gudizzjarju u ghalhekk l-imsemmi rimedju lanqas ghandu ghalfejn joqghod ghall-kriterji kollha stabiliti fl-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni dwar smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi, fi zmien ragonevoli. Huwa meqjus ukoll li "gabra ta' rimedji", (an ***aggregate of remedies***) fuq livell nazzjonali jistghu jaghmlu tajjeb biex jissodisfaw il-vot tal-artiklu 13, imbasta jkunu effettivi. L-effettivita` titqies minn erba' (4) aspetti: dik istituzzjonali, dik sostantiva, dik rimedjali, u dik materjali;
>
> "Illi l-inkorporazzjoni tal-Konvenzjoni bhala parti mill-ligi tal-pajjiz titqies bhala twettieq tal-*aspett sostantiv tar-*

*rimedju effettiv*, l-izjed jekk id-disposizzjonijiet konvenzjonali jinghataw gharfien ewlieni u applikazzjoni rigoruza fl-ordinament guridiku li jkun. Min-naha l-ohra, jekk l-awtorita` li tista' taghti tali rimedju thaddan indipendenza bizzejjed mill-awtorita` jew persuna allegatament responsabbli mill-ksur tal-jedd fundamentali, ikun qieghed jithares l-*aspett istituzzjonali* tal-effettivita'. Biex imbaghad ir-*rimedju jitqies effettiv***,** ikun bizzejjed li l-ilment tal-persuna jista' jigi mismugh mill-awtorita` li tkun u li hija jkollha s-setgha li taghti r-rimedju jekk taqbel mal-ilment, (mhux li bil-fors trid taghti decizjoni favorevoli lill-persuna). Fl-ahharnett ir-rimedju jrid ikun disponibbli lill-persuna, biex b'hekk jitqies milhuq il-kriterju ta' rimedju materjali"

77. Illi fir-rigward tal-fatti in dizamina r-rimedju pprovdut fis-sistema legali taghna hu dak naxxenti mill-artiklu 1077 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "Meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din ghandha tigi esegwita minnufih, izda dan kemm- il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih ghandha tigi esegwita, jew il-lok miftiehem ghall-esekuzzjoni taghha, ma jgibux maghhom il-htiega ta' zmien li, jekk ikun hemm bzonn, jigi stabbilit mill-qorti";

78. Illi ghalhekk meta l-ligi ma tipprovdiex terminu biex isir xi att, min hu interessat jista' jadixxi l-qorti ordinarja biex tkun din li tiffissa terminu xieraq skont ic-cirkostanzi;

79. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li effettivament kien jezisti rimedju li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti setghet istitwiet proceduri biex titlob lill-qorti biex tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju intimat kien ikun kostrett li jagixxi u jibda l-procedura tal-esproprijazzjoni;

80. Illi tenut kont tas-suespost, ghandu ghalhekk jirrizulta pacifiku li ma jirrizultax li fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti kien hemm ksur tad-dritt fundamentali taghha naxxenti mill-artiklu 13 pre-citat tal-Konvenzjoni;

Ikkunsidrat:

81. Illi stabbilit il-vjolazzjoni tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti jigi sottolineat ghall-kjarezza, li l-kumpens dovut m'ghandux jinghata f'ammont in sostituzzjoni tal-valur tal-art in dizamina fis-suq liberu;

82. Illi in vista tad-diskrezzjoni assoluta statutorjament fdata fil-forum odjern tali kumpens necessarjament jinghata *arbitrio boni viri*, ghalkemm ovvjament fl-analizi in dizamina qed tinghata wkoll konsiderazzjoni tal-valur tal-att *de quo*, (ara foll 151);

83.0. Illi konsegwentement biex jigi stabbilit il-kumpens *de quo* din il-qorti qed tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti:

83.1. Il-valur tal-art;

83.2. Il-perjodu ta' zmien li ghadda minn meta ittiehdet l-art in kwistjoni;

83.3. Il-fatt li lanqas biss bdiet il-procedura t'esproprijazzjoni skont il-ligi;

83.4. Il-fatt li konsegwentment m'inghata l-ebda kumpens lis-socjeta` rikorrenti fir-rigward;

83.5. Illi minhabba fit-tehid in kwistjoni l-istess socjeta` tilfet l-uzu u t-tgawdija tal-art *de quo*;

83.6. Il-lokalita` fejn tinsab l-art hekk mehuda;

83.7. L-istat tal-istess art;

83.8. L-iskop ghalfejn ittiehdet;

83.9. In-nuqqas ta' spjegazzjoni cara ghalfejn ma saritx l-esproprijazzjoni u l-eventwali kumpens fis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

84.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, ovvjament, fejn jirrigwarda, bl-eccezzjonijiet fuq riferiti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

84.1. Takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` kjamata in kawza u ghalhekk tillibera lil *Malta Industrial Parks Limited* mill-osservanza tal-gudizzju;

84.2. Takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

84.3. Illi mill-bqija takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-eccezzjoni rigwardanti l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

84.4. Tirrespingi ghalhekk ir-risposti tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta bl-eccezzjoni rigwardanti r-risposta rigwardanti l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja; u ghalhekk:

84.5. Tiddikjara li l-intimati indikati fil-paragrafu precedenti ivvjolaw u ghadhom qed jivvjolaw l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

84.6. Illi bhala rimedju xieraq u effettiv konsegwenza tal-lezjonijiet sofferti mis-socjeta` rikorrenti kif fuq stabbilit, tistabbilixxi s-segwenti:

84.6.1. Tordna lill-Kummissarju intimat biex fi zmien erba' (4) xhur mil-lum jinizja l-proceduri necessarji ghall-esproprijazzjoni tal-art in dizamina *ai termini* tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk jiehu f'idejh l-istess art b'titolu ta' xiri assolut;

84.6.2. Tordna li l-intimati *in solidum* ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma t'ghaxart elef euro, (€10,000.00), bhala kumpens tas-saga in dizamina;

84.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, ukoll *in solidum* bejniethom.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**